# 1

## ĦMISTAX-IL NUMRU

Żmien twil ilu kittieb magħruf stqarr li l-ħajja hi PALK fejn kulħadd qed jaħdem il-parti speċjali tiegħu. Mhux tassew! Kulħadd qed jaħdem *ħafna* partijiet. Ftit jaħdimhom b'wiċċu u ħafna jaħdimhom b'maskra. U l-ħajja lanqas m'hi palk. Il-ħajja wara l-kwinti. Hemmhekk, fid-dawl bati u fis-skiet jitwettqu ħwejjeġ li l-udjenza ma tarahomx. Jintqal kliem li ħadd ma jisimgħu. Jingħadu frażijiet li ma jkunux miktuba fuq il-karta u studjati bl-amment. U dak kollu li jsir minn wara l-kwinti aktar iħawwad lil min jagħmlu. Ma jkunx jaf jekk hux biċċa mir-reċta jew verità. Il-palk sinċier għax iħallik tara u tifhem, iżda wara l-kwinti kollox imħabbel.

Niftakar f'dak il-psikjatra li kien iħabbeb nies u jsolvi problemi bl-eluf kuljum, iżda meta jmur lura lejn daru jsib kobba li qatt ma rnexxielu jħoll. Ma seta' bl-ebda mod jifhem lil uliedu u lil martu. Hekk hi r-razza umana. Dal-ħafna psikjatri kixfu u

nifdu l-moħbiet kollha tal-ħolqien li jdawwarhom, iżda qatt ma rnexxielhom jifhmu għal kollox lilhom infushom. Ma jafux sewwa kif jaħdem dal-moħħ kompjuter li jmexxihom. Għadhom ma sabux l-għaliex illum huma dan u l-għada jsiru dak. Jafu biss li għandhom għoqda moħħ li qed jagħmel xi ħaġa tal-għaġeb.

Il-bniedem kamra magħluqa b'ħafna bibien. Ta' madwar jittawlu 'l ġewwa minn ġot-toqob tas-serratura. Min jara ħaġa u min jilmaħ oħra. Kulħadd jara dehra ċkejkna minn ġo toqba daqs nitfa, iżda ħadd ma jilmaħ xena panoramika. Min jara kwadru pittura u jmur jiftaħar li l-kamra hi sala klassika, u min jara ftit tal-ġir imwaqqa' u jgħid li hi għorfa. U l-kamra tibqa' magħluqa u jaf x'fiha biss min qiegħed ġewwa. U min qiegħed ġewwa? Ħadd! Lanqas il-bniedem innifsu. Il-bniedem-kamra jinbidel. Illum iqalleb l-għamara, l-għada jiżbogħ lewn ġdid, il-pitgħada jneħħi l-purtieri, il-pitpitgħada jixtri tapit ieħor … dejjem sejjer. S'għada jista' jsir dak li ma jridx ikun illum. U mhux żgur jintebaħ bil-bidla. Għalih il-kamra baqgħet l-istess kamra, iżda meta ta' madwaru jittawlu mit-toqob tas-serratura se jaraw xeni ġodda.

Ilkoll ninsabu mdawrin b'ċirku ta' ħbieb, għedewwa jew nies li nafuhom kemxejn. Ilkoll mingħalina li drajna sew u fhimna liċ-ċirku ta'

ħbieb madwarna. B'kaxxa tabelli quddiemna erħilna nikklassifikaw; dan supperv, l-ieħor baħbuħ, din simpatika, dik għajjura, l-oħra twajba żżejjed, l-oħrajn moħħ ir-riħ … tabelli u reġistri, garżelli u laqmijiet. Iżda li kieku jinfetħu beraħ il-bibien tal-kamra min jaf xi nsibu? Min jaf kemm diżappunti u sorpriżi?

Kienu ħmistax. Sala kbira u twila bi ħmistax-il dahar mgħawweġ ganċ fuq skrivanija tal-metall. It-Tnejn filgħodu kulħadd b'wiċċu mtawwal u bla ħeġġa. Iżda, ħafif jew mitluq, ix-xogħol kien miexi. It-*typewriters* kienu qed itektku l-musketterija tas-soltu. Il-magna tal-għadd ta' Aldo ċċekċek u tqarmeċ snienha. Lorna għadha tiftaħ u tagħlaq ir-reġistri u l-fajls. Ritchie jħokk rasu b'tax-xellug u jtektek il-lapes b'tal-lemin. Kulħadd medhi. Kulħadd jaf lil kulħadd.

Il-għodwa sebħet ċara. Ix-xemx kienet qiegħda tiskappa minn bejn il-*venetian blinds* tat-twieqi u tixħet tliet pitazzi dwal mal-art. Kienet ġa telgħet biċċa sewwa 'l fuq. Il-ħsejjes tal-karozzi fit-triq kienu jħabbtuha sewwa mal-isparar tat-*typewriters* fl-uffiċċju u mal-magna tal-għadd tirrejżja u terġa' tieqaf. U x-xogħol miexi jitkaxkar bla ħeġġa ta' xejn.

* * *

Għażiż ħabib,

Dan se jkun il-palk tagħna, jew wara l-kwinti, jew il-kamra l-magħluqa b'ħafna toqob tas-serraturi. Hawn għandna ħmistax-il attur. Ilkoll għandhom wiċċ u għandhom maskra. Xi wħud iġegħluk titħasseb liema hu l-aktar li jixirqilhom, jekk hux dak tal-laħam jew l-ieħor tal-kartapesta. Iżda, ħabib, toqgħodx titħasseb. Jien u int flimkien se nippruvaw inħarsu mit-toqob tas-serratura. Inħarsu sewwa iżda ma niqfux hemm. Billi dal-ħmistax-il kamra qegħdin taħt idejja, jien nista' kollox. La nittawlu mit-toqob kollha beħsiebni niftaħlek il-bibien beraħ u nħallik tara li trid. Mhux xeni żgħar iżda dehra panoramika. Ara u qabbel. Qabbel ix-xena ġganteska ma' dawk il-ħafna titwiliet minn ġos-serratura. Iżda żomm b'sabrek ħabib. Ħmistax-il attur. Ikollna nħalluhom jagħmlu l-partijiet tagħhom wieħed wieħed u waħda waħda. Żomm il-kalma u tiħux għalik. F'dawn il-kmamar u f'dawn l-atturi hemm int u hemm jien. Toffendix ruħek. Tħammarx wiċċek b'dak li tisma'. Tinsiex … int u jien qegħdin hemm ukoll. Forsi bil-maskra ma ningħarfux wisq, iżda hemm ninsabu.

Insellimlek u nixtieqlek divertiment.

Dejjem tiegħek,

Jien.

Il-kumpanija *Maskri* tippreżenta *Ħmistax-il Numru*, kummiedja, farsa u traġedja miktuba min-Natura Umana; maħduma f'ħafna atti, nofshom fuq il-palk u nofshom wara. Xi atti jinħadmu fid-dawl u oħrajn fid-dlam ċappa. L-atturi mhux dejjem se jkollhom isem. Kultant jieħdu numru. Produzzjoni u Direzzjoni tad-destin; u ppreżentata bil-permess ġentili u bil-kooperazzjoni tad-Dipartiment tal-Ħajja.

Jieħdu sehem: Alfred, Ġorġ, Mike u Aldo fil-parti ta' ġuvintur. Ritchie, Johnny u s-Sur Pawl fil-parti ta' rġiel miżżewġa. Agnes, Rosann, Vicky, Pat, Doreen, Rita, Lorna u Carmen fil-parti ta' xebbiet ta' etajiet differenti.

Xena: Uffiċċju twil u mdawwal ta' waħda mill-kumpaniji kbar kummerċjali ta' pajjiżna. Ix-xeni l-oħrajn huma mudlama wisq biex tiddeskrivihom. Il-Ġrajja sseħħ fi tliet żminijiet: ilbieraħ, illum u għada.

*Nota importanti:*

L-atturi se jidhru quddiemkom wara xulxin. Jekk xi ħadd minnhom ma laħaqx tgħallem il-parti sew, agħdruh. Sa llum stess kien għadu qed isir xi tibdil fil-versi li kellhom jitgħallmu, għax l-awtriċi tħobb tbiddel ħafna, u d-Direttur joħroġlok b'kull waħda li ma tkunx tistennieha, u d-Dipartiment

li offrielna l-kooperazzjoni tiegħu ma tantx tista' torbot fuqu. Għalhekk tippretendix iżżejjed.

SEPARJU

# 2

## ĠORĠ

“Noqtlok xtaqt,” kienet qed tgħid Pat bejn biċ-ċajt u bejn bis-serjetà, “qatt ma ħassejtni ninkiser daqs dak il-ħin!” U biex tagħti wirja ripetuta tal-kisra li nkisret, għaddiet idha minn quddiem għajnejha u ġibdet nifs twil.

“Sewwa jgħidu ’tini l-fama u ixħetni l-baħar,” tbissem Ġorġ b’għajnejh ileqqu, “kulma jiġri hawn ġew kollox jien neħel.”

“U mela min tridu jeħel,” qabżet Rita fin-nofs, “mhux int dejjem toħroġ b’xi waħda ġdida …?”

“U fl-aħħar issib kappell jiġik,” qallu Mike waqt li tmattar u nxteħet bilqiegħda fuq is-siġġu.

“X’ġara dad-daħk kollu …?” staqsa Alfred li wasal tard aktar mis-soltu u sab lil sħabu jiddieħku kollhom storbju.

“Dak in-nofs ras,” wieġbu Mike, “mhux dejjem b’xi waħda.”

“Jaqaw?

“Staqsi lil Pat,” kompla Mike.

Pat semgħethom u bla ma ħallietu jistaqsi, daret minnufih u qaltlu, "Ma tafx biha l-biċċa tal-karti, int?"

"X'karti huma?" reġa' Alfred.

"Kienu ilhom jumejn ġol-umbrella," qabeż Ġorġ jidħak kemm jiflaħ, "jien ħsibtha indunat bihom u neħħiethom bla ma qalet xejn."

"Iva … għiduli," għajjat Alfred.

"Dal-ħaruf innoċenti," qabżet Lorna waqt li qamet minn postha u resqet lejhom, "nhar it-Tlieta dar il-*punchers* kollha, naddafhom mill-karti u battalhom ġol-umbrella ta' Pat …"

"Jien l-iċken sitta u sittin ħsieb," daħlet fin-nofs Pat, li issa donnha ħassitha tieħu gost tirrakkonta l-biċċa, "billi ma kinitx xita ma ftaħthiex. Ilbieraħ kont il-Belt naqdi xi żewġ qadjiet u xħin bdiet traxxax ix-xita kont fi Strada Rjali. Jien qbadt l-umbrella u ftaħtha. Lanqas niftakar ma rrid. Xtaqt l-art tiblagħni. Dak il-ħin ma nafx xi ħsibt meta ħassejt dawk il-karti rqaq kollha neżlin quddiemi qisu għaddej il-marċ …"

Kulmin kien qed jisma' lil Pat ħassu jaqbeż bid-daħk, u Ġorġ kien aħmar nar u bid-dmugħ kważi ħiereġ minn għajnejh.

"Ara kemm skantaw in-nies li rawk!" qalilha Ġorġ mgħolli li ma kienx ġo xi toqba jaraha.

"Skantajt jien mhux huma. Xtaqt noqtlok dak